**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 22/K6/09

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 24/09/'09** **251**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 24/09/'09** **305**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 24 ta' Settembru 2009.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fil-5.30 p.m.

1.03 Preżenti: Sitt membri tal-Kunsill, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-iskrivana Roberta Sammut.

1.04 Skużat: Il-Kunsillier Richard Scicluna.

1.05 Kien hemm preżenti membru tal-pubbliku (1).

1.06 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2. Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fit-18 ta' Settembru 2009. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Mozzjoni Nru. 1/09
4. Impjegati tal-Kunsill

5. Tender – Ġbir ta' Skart Domestiku
6. Attivitajiet tal-Milied
7. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet
8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni tal-Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 20/K6/09 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ressqet emenda sabiex f'pagna 6, Artiklu 2.15 wara kliem "**cnut f'Ta' Giorni**" jizdiedu l-kliem " **u dan wara rakkomandazzjoni tal-Kunsilliera Irene Borg".**

1.3.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondaha.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.05 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 20/K6/09 kif emendati.

1.3.06 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

1.3.07 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.08 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 21/K6/09 għall-approvazzjoni.

1.3.09 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni tal-Minuti 21/K6/09.

1.3.10 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondaha.

1.3.11 Il-Kunsill qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma:-

| **Rif. Nru** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 3453&3794 | Ittri mingħand Le Meridien St. Julian's dwar attivitajiet. |

3693&3694 Ittri mingħand residenti ta' Triq il-Kbira b'konnessjoni max-xogħolijiet li saru fit-Triq il-Kbira.

3737 Ittra mingħand il-MEPA rigward *Paving works at St. Elia Street, St. Julians*.

3767 Ittra mingħand il-MEPA rigward PA 07181/07 – Refund ta' flus fir-rigward l-applikazzjoni għall-Car Park fi Triq id-Dragunara.

3803&3804 Ittri mingħand il-Green MT Ltd rigward il-Ġbir ta' l-iskart separat minn San Ġiljan.

3852&4024 Ittri ta' ringrazzjament mingħand is-Sur Anthony P. Scicluna u s-Sur Anton Agius Muscat rigward Ġieh San Ġiljan.

3864 Ittra mingħand is-Sur Carl Zarb rigward Clean Up the World.

3927 Ittra mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward bdil tar-rati fir-rigward ir-Rimi ta' l-iskart.

4181 Korrispondenza mingħand il-Bord ta' Evalwazzjoni rigward Skema-Fondi Specjali għal-Lokalitajiet bi Bżonnijiet Speċjali.

4219 Rapport mingħand is-Solid Base Laboratory Ltd.

4275 Ittra ta' riżenja mingħand is-Sinjura Roberta Sammut.

4301&4338 Korrispondenza dwar protest li sar mill-Kunsill vs John G. Cassar Ltd.

4350 OPM Circular 13/09 rigward inizjattivi ko-ordinati mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

4366&K1066 Ittra mingħand in-Northern Cleaning Co-Operative dwar Tmien ta' Servizz u l-korrispondenza mibgħuta lid-DLG u lill-AKL.

4497 Ittra mingħand is-Sur Joseph Curmi rigward l-istatwa ta' San Ġużepp fi Triq il-Baltiku.

**Fost l-ittri li nqraw gew diskussi:-**

Rif. Nru. 3453 & 3794

2.02 B’riferenza għall-ittri mingħand Le Meridien St. Julian’s dwar l-attivitajiet *Blood Donation Campaign* u *Tree 4U Campaign* il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li dawn isiru u ġie deċiż unanimament illi s-Sindku Peter Bonello jiltaqa’ ma’ rappreżentant tagħhom.

Rif. Nru. 3693 & 3694

2.03 B’riferenza għall-ttri mingħand ir-residenti ta’ Triq il-Kbira b’konessjoni max-xogħolijiet ta’ culverts li saru fl-istess triq ġie deċiż unanimament illi:-

- ✓ Tingħata kopja ta’ l-ittri lill-Perit Stephen Farrugia biex jirrispondi lill-residenti. Is-Sindku Peter Bonello għandu jinformah bill-punti.

- ✓ Tinġibed l-attenzjoni tal-Perit biex jerggħu jigu ċċekjati l-ispralli li saru.

- ✓ Dwar ħsara li saret fit-taraġ tal-irham, iċ-Chairman ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill illi diġa informa lill-kuntrattur u dan ser jirranġahom.

Rif. Nru. 3737

2.04 B’riferenza għall-ittra minghand il-MEPA rigward Triq Sant Elia, iċ-Chairman nforma lill-Kunsill illi x-xogħol ta’ pavimentar f’din it-triq huwa lest. Għaldaqstant il-Perit Stephen Farrugia għandu jirrispondi l-ittra tal-MEPA.

Rif. Nru. 3803

2.05 B’riferenza għall-ittra mingħand il-Green MT rigward il-ġbir ta’ l-iskart separat minn San Ġiljan, iċ-Chairman ġibed l-attenzjoni illi:-

- ✓ Għalkemm il-kuntrattur kellu jikkonsulta mas-Sindku qabel ma ntbagħtet iċ-ċirkulati lill-istabilimenti kummerċjali f’Paceville dan ma sarx u ntbagħtet xorta.

- ✓ Għalissa dan is-servizz qed jitħallas mill-gvern ċentrali.

Rif. Nru. 3864

2.06 B'riferenża ghall-ittra mingħand is-Sur Carl Zarb rigward il-Clean Up the World Campaign ġie deċiż unanimament illi s-Sur Zarb jigi nfurmat li din l-attivita' ser issir fl-aħħar ta' Novembru 2009.

Rif. Nru. 3927

2.07 B'riferenza għall-ittra mingħand l-AKL rigward bdil fir-rati għar-rimi ta' l-iskart, iċ-Chairman informa lill-Kunsill illi d-differenza fir-rati ser tingħata mill-Gvern Ċentrali.

Rif. Nru. 4181

2.08 Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand il-Bord ta' Evalwazzjoni rigward Fondi speċjali għal-Lokalitajiet bi Bżonnijiet Speċjali fejn il-Kunsill ibbenifika mis-somma ta' 35,000 euro. Hawnhekk inġibdet l-attenzjoni illi dawn il-fondi jridu jintefqu skont kif saret it-talba tal-Kunsill (Ara K429/157&74/09).

2.09 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament illi dawn il-fondi jintużaw fuq it-tindif.

2.10 B'riferenza għall-fondi disponibbli mill-Urban Improvement Fund (għas-somma ta' 9,433.94 euro) fejn il-Kunsill kien ser japplika biex jiġu rranġati ċ-ċnut ta' Ta' Giorni ġie deċiż unanimament illi din l-applikazzjoni ma ssirx minħabba li x-xogħol diġa sar u li dawn il-fondi jiġu utilizzati għal xi ħaġa oħra.

Rif. Nru. 4219

2.11 B'riferenza ghar-rapport tas-Solid Base Laboratory rigward il-kambjament fil-konsentura mmarkata Nru. 6 li hemm fil-Boardroom ġie deċiż unanimament illi din l-ittra tintbagħat lill-Perit Stephen Farrugia sabiex tittieħed kull azzjoni meħtiega.

Rif. Nru 4301 & 4338

2.12 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill ghall-protest ġudizzjarju li sar fil-konfront ta' John G Cassar fir-rigward il-ħadid ta' Gnien Saver Zarb.

2.13 Ġie deċiż unanimament illi l-ħadid li ser jittneħħa minn Ġnien Saver Zarb jintuza fuq iċ-ċint li sar fi Triq Hans Stumme biex ikollu aktar ilqugħ.

Rif. Nru 4366

2.14 B'riferenza għall-ittra mingħand il-Northern Cleaning Co-Operative Limited inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-kuntratt li għadu in vigore għall-ġbir ta' skart domestiku jagħlaq nhar l-Erbgħa 30 ta' Settembru 2009. Il-kuntrattur informa lill-Kunsill li wara din id-data mhux ser jibqa' jingħata s-servizz madankollu nħatar membru mill-istess soċjeta' sabiex ikompli jipprovdi dan is-servizz fil-lokalita' bl-istess rata sas-16 ta' Ottubru 2009.

2.15 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi tintgħalab il-gwida tad-Dipartiment biex il-Kunsill ikun jista' juza s-servizz ta' l-emerġenza sakemm tinħareġ sejħa għall-offerti.

Rif. Nru. 4497

2.16 Saret riferenza għall-ittra mingħand is-Sur Joseph Curmi dwar talba biex tigi nstallata 'flood light' fuq l-istatwa ta' San Guzepp fi Triq il-Baltiku, minhabba il-vandalizzmu kontinwu li jsirilha.

2.17 Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li din issir.

## 3 Mozzjoni

3.01 Ic-Chairman Peter Bonello għamel riferenza għall-Mozzjoni Nru 1/09 mressqa mill-Kunsilliera Irene Borg u issekondata mill-Kunsillier Norman Vella (Ara Appendici 'A').

3.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi tintbagħat ittra lill-Kapillan, Fr. Claude Portelli, biex meta jinħatru l-kumitati tal-għaqdiet tal-Festa jigi nfurmat il-Kunsill sabiex issir laqgħa magħhom biex tigi diskussa l-Festa ta' San Giljan.

## 4. Impjegati tal-Kunsill

4.01 Iċ-Chairman għamel riferenza għall-ittra ta' rizenja tas-Sinjura Roberta Sammut (Inc. 4275/09) u l-Kunsill ġie nfurmat illi diga ttieħdet l-azzjoni neċessarja sabiex jibdew il-proċeduri biex jiġu mpjegati full-timer biex jintella' il-post vakanti u zewġ part-timers minhabba s-Sibtijiet. Iċ-Chairman spjega li peress li r-

responsabblita' ta' l-amministrazzjoni taqa' direttament taħt is-Sergretarju Esekuttiv, kien ta' l-opinjoni li s-Segretarju Esekuttiv, tara li jintgħażlu l-istaff adekwat u li hu kien ser ikun preżenti wkoll waqt l-interviews.

4.02 Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

4.03 Saret riferenza għall-korrispondenza (Rif. K0383/157&PersFl/09) li ntbagħtet lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar biex jigi kkunsidrat li jiżdied l-istaff klerikali minħabba l-volum tax-xogħol li għandu il-Kunsill. Is-Segretarju Esekuttiv għarrfet lill-Kunsill li ġiet ggwidata mid-Dipartiment għal Gvern Lokali biex terġa tissottometti t-talba. Hi kompliet li l-ewwel kienet ser tistenna li jigu mpjegati l-ħaddiema l-ġodda u wara tissottometti t-talba skont il-bżonn.

4.04 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjopni.

4.05 Il-Kunsillier Norman Vella għan-nom tiegħu u tal-Kunsill għadda vot ta' ringrazzjament lis-Sinjura Roberta Sammut u awguralha kull suċċess għall-futur tagħha.

4.06 Is-Sinjura Roberta Sammut irringrazzjat lill-Kunsill.

## 5 Tender – Ġbir ta' l-iskart

5.01 Iċ-Chairman nforma lill-Kunsill illi jekk il-valur ta' dan il-kuntratt ikkalkulat fuq erbgħa snin jeċċedi 133,000 euro l-avviż irid jigi ppublikat ukoll fil-gazzetta ta' l-Unjoni Ewropea u għandu jingħata żmien ta' 52 ġurnata qabel jagħlaq it-tender.

5.02 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill illi:-

- ✓ t-tender ma jistax jinħareg għalissa minħabba li l-Kunsill qed jistenna l-'guide lines' mid-Dipartiment.
- ✓ waqt laqgħa li saret mid-Dipartiment għal Gvern Lokali ngħatat gwida li fuq il-Bord ta' l-Evalwazzjoni tat-Tender għandu jkun hemm persuna teknika.

5.03 Reġgħet saret riferenza għall-'*specific conditions of contract and specifications for the collection of mixed household waste'* u nġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill kien għadu ma ħax ċerti deċiżjonijiet. Għalhekk wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi nhar

il-Hamis 1 ta' Ottubru 2009 fis-2.00pm issir laqgħa nformali biex jigi diskuss dan id-dokument.

6 **Attivitajiet tal-Milied**

6.01 Ġie deċiż unanimament illi, bħas-snin li għaddew, isiru l-ħarġa għall-anzjani u t-tiżjin tat-toroq.

6.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi jsir Christmas Market fil-Pjazza tal-Balluta u biex tittella' din l-attivita' tintalab l-għajnuna ta' xi lukandi fil-lokalita' u persuni oħra nteressati . Is-Sindku Peter Bonello, il-Viċi Sindku Karl Gouder u l-Kunsilliera Irene Borg ser jieħdu ħsieb biex tkun tista' tittella' din l-attivita'.

7 **Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

7.01 Iċ-Chairman ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'B').

7.02 Il-Kunsillier Ronald Agius ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

7.03 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

8 **Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

8.01 Iċ-Chairman ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 2698 sa 2723 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'C').

8.02 Ġie deċiż illi jigu ordnati 30 kopja tad-dvd fuq San Ġiljan u li tingħata kopja lis-Sur Joseph Curmi u lis-Sur Vince Vassallo.

8.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ippropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 2698 sa 2723.

8.04 l-Kunsillier Ronald Agius issekondah.

8.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

8.06 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jigu diskussi materji oħra.

8.07 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

## 9 Materji Oħra

9.01 Saret riferenza ghas-sleeping policeman li hemm fit-tarf ta' Triq Ivo Muscat Azzopardi kantuniera ma' Triq Sant' Andrija u ġie deċiż unanimament illi din tittranġa mill-kuntrattur tal-Kunsill minħabba li hija għolja wisq u l-karozzi qed jaħbtu l-qiegħ meta jgħaddu minn fuqha.

9.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro gie skuzat fis-7.10pm.

9.03 Ġie deċiż unanimament illi jsiru Bye-Laws biex jirregolaw il-ħin tal-ħrug ta' l-iskart domestiku fil-lokalita' u li l-Kunsillier Edgar Montanaro jieħu ħsieb jipprepara dan id-dokument.

9.04 Il-Kunsilliera Irene Borg infurmat lill-Kunsill illi ser torganizza ħarga 'self funding', għall-anzjani, għall-Mellieha u l-Manikata. Din ser issir fis-7 ta' Ottubru 2009.

9.05 Ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill jipprovdi t-trasport għal din il-ħarga.

9.06 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li fl-14 ta' Novembru 2009 it-tfal tal-Pitch ta' San Giljan jagħmlu uzu mill-5 a-side pitch f'Ta' Giorni minghajr ma jħallsu l-ħlas dovut lill-Kunsill dment li tingħata donazzjoni lill-Puttinu Cares.

9.07 Ġie deċiż unanimament illi:-

- ✓ jitħallsu l-ispejjez li saru, biex ittellgħet il-Move Together Poster Exhibition, qabel il-Kunsill jirċievi l-fondi.
- ✓ Għall-konferenza li ser issir ġewwa Brussels f'Diċembru 2009 jattendu s- Sindku, s-Segretarju Ezekuttiv u l-Perit Stephen Farrugia.

9.08 B'riferenza għall-Qala Folklore Festival il-Kunsill ġie nfurmat illi l-attivita' f'San Ġiljan ser issir il-Ġimgħa 9 ta' Ottubru 2009. Ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill jipprovdi ftit refreshments u t-trasport għal parteċipanti ta' din l-attivita'.

9.09 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fis-7.30pm

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Esekuttiv** |